# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 10 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 1744/98**

**Numru 33**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Saviour Busuttil abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Saviour Busuttil**

**vs**

**Charmain Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhix tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici nomine et is-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm372.55) jew somma verjuri li tigi likwidatat minn din il-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti spejjes u danni sofferti fil-vettura tal-attur Busuttil, bin-numru LAG 119, liema danni gew kawzati b'risultat tal-kollizzjoni li l-konvenuta kellha mal-imsemmija vettura fil-18 ta'

Ottubru 1997 f'Luqa, meta kienet qed issuq l-vettura BBD 325, stante li l-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenuta.

Bl-imghax legali mid-data tal-avviz u bl-ispejjes ta' Lm10 ghall-konsulta u tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz kontra l-assigurazzjoni taghha u, l-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenuta (fol 10 tal-atti) li biha eccepiet illi l-eccipjenti ma kellha ebda tort jew htija fil-kollizjoni imsemmija fl-Avviz li grat unikment b'tort u htija tal-istess attur Saivour Busuttil, li kien qed isuq il-vettura numru LAG 119 assikurata mal-attur l-iehor Middle Sea Insurance P.l.c., minhabba imprudenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' dan l-istess attur Saviour Busuttil, u ghalhekk l-eccipjenti mhix responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni u ghad-danni pretisi mill-atturi u d-domandi tal-atturi ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-incident in esami gara fil-grounds tal-isptar San Vincenz De Paule Hal Luqa (ara l-iskizz a fol 17 ibid). Skond kif xehed Saviour Busuttil (fol 30 et seq ibid) hu kien diehel ghax-xoghol ghall-haba tal-12.45p.m. waqt li kien qed jsuq il-vettura tal-marka Vauxhall numru LAG 119. Waqt li ghamel referenza ghar-ritratt esebit minnu a fol 32 tal-atti, hu specifika li kien gej mit-triq ossija fuq il-lemin fejn hemm sinjal ta' 'stop' (ara fol 34 ibid) u kien diehel f'dik fejn hemm sinjal tat-traffiku ossija vlegga. Qabel ma hareg hu kien waqaf u hares quddiemu 'u dan minhabba l-fatt li t-triq fejn hemm l-arkata (fuq il-lemin tieghu) mhix suppost li jghaddu karozzi'. Kif beda' jaqsam il-konvenuta 'giet fuqi qiesha vlegga' mid-direzzjoni 'minn fejn suppost li ma jigux karozzi cjoe mid-direzzjoni tal-arkata'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta inghatat opportunita ampja sabiex tipproduci l-provi taghha izda dan ma avverax ruhu (ara fol 35 u 36 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi mir-rapport esebit a fol 18 tal-atti ma hemmx imnizzla l-versjoni rispettiva tal-partijiet involuti. Pero fl-iskizz gja imsemmi esebit a fol 17 jidher li fil-bidu tat-triq minn fejn kienet ghaddejja l-konvenuta hemm 'arrow sign' li jindika li l-konvenuta ma setghetx issuq fit-triq in kwistjoni u ma obdietx dan is-sinjal tat-traffiku li indikalha li kellha titla lejn ix-xellug taghha.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-provi kif esposti u f'nuqqas ta' xi prova da parti tal-konvenuta in sostenn tal-eccezzjoni sottomessa minnha it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti 'in toto'.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attriic u:

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja, u negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolmenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm372.55,0;

3. tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici nomine et is-somma ta' Lm372.55,0 bl-imghax legali mill-15 ta'

Settembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm10 ghall-konsulta u dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 1998 imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg